



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

28 ta' April 2021 \*

“Servizz pubbliku – Persunal tal-KESE – Membri tal-persunal temporanju – Rifjut ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid – Rikors għal annullament – Terminu għat-tressiq ta’ lment – Oneru tal-prova tal-qbiż - tat-terminu – Att li jikkawża preġudizzju – Ammissibbiltà – Ugwaljanza fit-trattament – Ċertezza legali – Rikors għad-danni – Dannu morali”

Fil-Kawża T-843/19,

**Paula Correia**, residenti f'Woluwe-Saint-Étienne (il-Belġju), irrappreżentata minn L. Levi u M. Vandenbussche, avukati,

rikorrent,

vs

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)**, irrappreżentat minn M. Pascua Mateo, X. Chamodraka u K. Gambino, bħala aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-KESE, li ġiet adottata f'data mhux magħrufa tar-rikorrenti u li din tal-aħħar saret taf biha fit-12 ta' April 2019, li rrifjutat li tikklasifikaha mill-ġdid fil-grad AST 7 abbażi tal-proċedura ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2019 u, min-naħħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu morali li r-rikorrenti ġarrbet minħabba din id-deċiżjoni,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, P. Nihoul u R. Frendo (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-13 ta' Jannar 2021,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa korp konsultattiv li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet Ewropej ta' persuni li jimpiegaw, ta' impiegati u ta' atturi oħra li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fil-qasam soċjoekonomiku kif ukoll dak ċiviku, professjoni u kulturali. Dan huwa kompost minn tliet gruppi, jiġifieri l-grupp ta' persuni li jimpiegaw (iktar 'il quddiem il-“grupp I”), il-grupp tal-ħaddiema u l-grupp “Diversité Europe”. Kull wieħed minn dawn il-gruppi għandu s-segretarjat tiegħu stess li għalih huma rreklutati membri tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(c) tal-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra (iktar 'il quddiem il-“Kondizzjonijiet tal-impieg”)
- 2 Fil-11 ta' Lulju 2000, ir-rikorrenti, Paula Correia, ġiet irreklutata bħala membru tal-persunal temporanju fi ħdan il-grupp I fil-grad C3 (li sar AST 4) għal dħul fis-servizz fl-1 ta' Settembru 2000, b'kuntratt għal żmien indeterminat fis-sens tal-Artikolu 2(c) tal-Kondizzjonijiet tal-impieg.
- 3 Fid-9 ta' Jannar 2008, ir-rikorrenti ġiet ikklassifikata mill-ġdid mill-grad AST 4, skala 5, għall-grad AST 5, skala 1, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007. Fit-18 ta' Jannar 2016, hija ġiet ikklassifikata mill-ġdid mill-grad AST 5, skala 3, fil-grad AST 6, skala 1, b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.
- 4 Fis-26 ta' Marzu 2019, inżammet laqgħa bejn ir-rikorrenti u l-president tal-grupp I (iktar 'il quddiem il-“laqgħa tas-26 ta' Marzu 2019”). Fit-28 ta' Marzu 2019, ir-rikorrenti kellha laqgħa mad-direttoriċi *ad interim* tad-Direttorat E “Riżorsi Umani u Finanzi” tal-KESE (iktar 'il quddiem, rispettivament, il-“laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019” u d-“Direttorat tal-Persunal”).
- 5 Fit-12 ta' April 2019, ir-rikorrenti ġadet sehem flaqgħa mal-kap tad-diviżjoni tagħha dwar il-proċedura ta' evalwazzjoni għall-2018 (iktar 'il quddiem il-“laqgħa tat-12 ta' April 2019”).
- 6 Fl-10 ta' Lulju 2019, ir-rikorrenti ressjet ilment (iktar 'il quddiem l-“ilment”), skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”), kontra d-deċiżjoni li ma tiġix ikklassifikata mill-ġdid fil-grad AST 7 fl-2019 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”). F'dan l-ilment, hija indikat, b'mod partikolari, li ma kinitx taf id-data li fiha kienet ittieħdet din id-deċiżjoni.
- 7 Fil-21 ta' Ottubru 2019, il-KESE bagħat ittra lir-rikorrenti sabiex tinformaha li l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ tal-KESE (iktar 'il quddiem l-“ASTK”) ma kinitx f'pożizzjoni li tirrispondi għall-ilment tagħha fit-terminu previst mill-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.
- 8 Fl-10 ta' Novembru 2019, l-ilment ġie miċħud b'mod impliċitu.
- 9 Fis-16 ta' Jannar 2020, il-KESE nnotifika lir-rikorrenti li l-ilment tagħha kien miċħud (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni dwar l-ilment”).

### Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 10 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors. Ir-risposta, ir-replika u l-kontroreplika ġew ippreżentati, rispettivament, fis-16 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju u fis-17 ta' Lulju 2020.

11 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ģeneralijogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-KESE għall-kumpens għad-dannu morali kkawżat minn din id-deċiżjoni, evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 2 000;
- tikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż.

12 Il-KESE titlob li l-Qorti Ģeneralijogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

13 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ģeneralij fil-5 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti fformulat żewġ osservazzjonijiet dwar ir-rapport għas-seduta, li waħda minnhom kienet tirrigwarda l-eżistenza tal-laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019.

14 Is-sottomissionijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ģeneralij nstemgħu fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021.

15 Fir-rigward tal-ittra msemmija fil-punt 13 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti indikat, waqt is-seduta, li hija kienet qiegħda tirrinunza li tikkontesta l-eżistenza tal-laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019, iżda li hija kienet qiegħda tikkontesta s-suġġett tal-imsemmija laqgħa. B'risposta għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar ir-rapport għas-seduta, il-KESE pproduċa, waqt is-seduta, posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019, mill-President tal-grupp I u indirizzata lis-Segretarju Ģeneralij tal-KESE (iktar 'il quddiem is-“Segretarju Ģeneralij”) bil-għan li jistabbilixxi l-kontenut tal-laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019 (iktar 'il quddiem il-“posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019”). Ir-rikorrenti invokat l-inammissibbiltà ta' dan id-dokument minħabba li kien ġie ppreżentat tardivament. Il-Qorti Ģeneralij daħlet dan id-dokument fil-proċess mingħajr preġudizzju għall-eżami tal-ammissibbiltà tiegħi.

## **Id-dritt**

### ***Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors***

16 Fir-risposta tiegħi, il-KESE jqajjem eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà, minħabba li r-rikorrenti ma ppreżentatx l-ilment kontra d-deċiżjoni kkontestata fit-terminu ta' tliet xħur previst fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Huwa jsostni f'dan ir-rigward li, waqt il-laqgħa tas-26 ta' Marzu 2019, il-President tal-grupp I informa lir-rikorrenti bid-deċiżjoni tiegħi li ma jipproponix il-klassifikazzjoni mill-ġdid tiegħi lis-Segretarju Ģeneralij abbażi tal-proċedura 2019. Hija biss din id-deċiżjoni li tikkostitwixxi att tali li jikkawża preġudizzju lir-rikorrenti sa fejn hija ttellifha kull opportunità li tiġi kklassifikata mil-ġdid fl-2019, b'tali mod li l-ilment imressaq fl-10 ta' Lulju 2019 huwa inammissibbi, l-istess bħal dan ir-rikors.

17 Ir-rikorrenti topponi l-eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-KESE billi ssostni, essenzjalment, li l-laqgħa tas-26 ta' Marzu 2019 kienet tirrigwarda biss il-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera tagħha, u mhux id-deċiżjoni li ma tiġix ikklassifikata mill-ġdid. Waqt is-seduta, hija żiedet li, peress li din kienet laqgħa ta' natura informali, din ma setgħetx tīġi kkunsidrata bħala okkażjoni li tinnotifika deċiżjoni individwali fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, peress li d-deċiżjoni jidher dwar il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju assenjati

lill-KESE ma humiex ippubblikati, ir-rikorrenti ma hijiex f'pożizzjoni li tkun taf f'liema data ttieħdet id-deċiżjoni kkontestata. Hija tinsisti fuq il-fatt li hija saret taf b'dan b'mod inċidentali matul il-laqgħa tat-12 ta' April 2019, dwar il-proċedura ta' evalwazzjoni tal-2018.

- 18 Għaldaqstant, ir-rikorrenti tqis li l-ilment tagħha skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal kontra d-deċiżjoni kkontestata, ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2019, ma jistax jitqies li ġie ppreżentat wara l-iskadenza tat-terminu, b'tali mod li r-rikors tagħha huwa ammissibbli.
- 19 Fir-replika, ir-rikorrenti tenfasizza li, fid-deċiżjoni dwar l-ilment, li ġiet ikkomunikata lilha fis-16 ta' Jannar 2020, jiġifieri wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, il-KESE ma kkonstatax l-inammissibbiltà tal-ilment tagħha. B'dan il-mod, il-KESE ammetta impliċitament li r-rikorrenti setgħet tiġi informata bid-deċiżjoni kkontestata biss matul il-laqgħa tat-12 ta' April 2019.
- 20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat qabel kollox li, minkejja l-eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà mqajma fir-risposta, il-KESE ammetta espressament, fis-sitt paragrafu tal-punt 5 tad-deċiżjoni dwar l-ilment, li d-deċiżjoni kkontestata ġiet mgħarrfa lir-rikorrenti matul il-laqgħa tat-12 ta' April 2019, kif hija ssostni.
- 21 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, u kif invoka l-KESE waqt is-seduta, it-termini għat-tressiq ta' lment u għall-preżentata ta' rikors, imsemmija fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jitħallew għad-dispożizzjoni tal-partijiet u tal-qorti li għandha tivverifika, anki *ex officio*, jekk dawn ġewx osservati (ara s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2008, Kerstens vs Il-Kummissjoni, T-222/07 P, EU:T:2008:314, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-12 ta' Diċembru 2019, Feral vs Il-Kumitat tar-Reġjuni, T-529/16, mhux ippubblikata, EU:T:2019:851, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 22 Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbi għall-membri tal-persunal temporanju permezz tal-Artikolu 46 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg, l-ilmenti għandhom jiġi ppreżentati f'terminu ta' tliet xħur "fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-persuna kkonċernata, iżda fl-ebda każ mħux aktar tard mid-data meta ta' dan tal-aħħar irċieva t-tali notifika, jekk il-miżura taffettwa persuna speċifika" [traduzzjoni mhux uffiċċiali] bħal f'dan il-każ].
- 23 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita ferm, hija l-parti li tinvoka l-iskadenza tat-terminu, jiġifieri, f'dan il-każ, il-KESE, li għandha tipprodu l-prova tad-data li fiha l-imsemmi terminu beda jiddekorri (ara d-digriet tas-7 ta' Settembru 2005, Krahl vs Il-Kummissjoni, T-358/03, EU:T:2005:301, punt 53, u s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Il-Kummissjoni vs HM, C-70/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:544, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 24 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-prova tal-mument li fih il-persuna kkonċernata saret taf b'deċiżjoni individwali tista' tirriżulta minn ċirkustanzi oħra minbarra notifika formal li deċiżjoni. F'dan ir-rigward, għalkemm sempliċi indizji li jagħtu x'jifhem li deċiżjoni ġiet irċevuta ma humiex suffiċċenti, din il-prova tista' tirriżulta b'mod partikolari minn posta elettronika tal-persuna kkonċernata li minnha jirriżulta mingħajr dubju li hija effettivament saret taf bl-imsemmja deċiżjoni qabel id-data allegata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2012, AT vs EACEA, F-113/10, EU:F:2012:20, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 25 F'dan ir-rigward, il-KESE jibbaża ruħu, minn naħa, fuq skambju ta' posta elettronika bejn ir-rikorrenti u d-direttorat tal-persunal u, min-naħa l-oħra, fuq estratt mill-kalendarju elettroniku ta' dan id-direttorat. Waqt is-seduta, dan tal-aħħar wera r-rieda tiegħu li jinvoka wkoll element ieħor, jiġifieri posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019.

26 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-iskambju ta' posta elettronika mehmuż mar-risposta, mill-proċess jirriżulta li, fis-26 ta' Marzu 2019, ir-rikorrenti indirizzat lid-Direttorat tal-Persunal talba fformulata kif ġej:

"[Il-President tal-grupp I] għadu kemm informani li, wara l-aħħar konverżazzjoni tiegħek, jeħtieġ li nikkuntattja sabiex nagħmel appuntament. Ir-raġuni għal din it-talba hija li jinstab motiv sabiex tavvanza l-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera tiegħi u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tiegħi." [traduzzjoni mhux uffiċjal]

27 Il-KESE jsostni li r-rikorrenti ma kinitx talbet din il-laqgħa ta' urġenza kieku ma kinitx saret taf, fl-istess jum, li l-fajl tagħha ma kienx ser jiġi propost għal klassifikazzjoni mill-ġdid abbażi tal-proċedura 2019.

28 Fir-replika, ir-rikorrenti ppreċiżat li hija kienet bagħtet l-imsemmija posta elettronika wara konverżazzjoni mal-President tal-grupp I, li kienet saret fl-uffiċċju tagħha. Fil-preżenza ta' kollega ieħor, dan kien taha parir li tikkuntattja lid-direttorat tal-persunal fir-rigward tal-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera tagħha. Fir-rigward tar-riferiment għall-“klassifikazzjoni mill-ġdid” f'din il-posta elettronika, ir-rikorrenti osservat, waqt is-seduta, li l-proċedura ta' kcostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera twassal neċċesarjament għall-klassifikazzjoni mill-ġdid fi grad.

29 Fis-27 ta' Marzu 2019, id-Direttorat tal-Persunal wieġeb għall-posta elettronika tar-rikorrenti msemmija fil-punt 26 iktar 'il fuq kif ġej:

"Wara t-talba tiegħek, tista' tindikali meta nistgħu niltaqgħu sabiex nitkellmu dwar is-sitwazzjoni tal-karriera tiegħek [...]." [traduzzjoni mhux uffiċjal]

30 Issa, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 iktar 'il fuq, li, fih innifsu, dan l-iskambju ta' posta elettronika bl-ebda mod ma jistabbilixxi l-kontenut tal-laqgħa tas-26 ta' Marzu 2019. Għaldaqstant, dan ma huwiex tali li jikkonferma li, matul din il-laqgħa, id-deċiżjoni kkontestata ġiet mgħarrfa lir-rikorrenti, kif jallega l-KESE.

31 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ispjegazzjoni mogħtija mir-rikorrenti waqt is-seduta (ara l-punt 28 iktar 'il fuq) is-sempliċi riferiment li hija għamlet fil-posta elettronika tagħha tas-26 ta' Marzu 2019 għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tagħha ma jippermettix li jiġi konkluż mingħajr dubju li hija saret taf bid-deċiżjoni kkontestata fid-data allegata mill-KESE. Dan jgħodd iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li, f'din il-posta elettronika, ir-rikorrenti kienet tħassbet biss li “tavvanza” l-klassifikazzjoni mill-ġdid tagħha, u mhux rifjut li tingħatalha, ħaġa li tikkostitwixxi pass kompletament komprensibbli fil-kuntest ta' talba għall-kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera.

32 Fit-tieni lok, flimkien ma' dan l-iskambju ta' posta elettronika, il-KESE jipproduċi estratt mill-kalendaru elettroniku tad-Direttorat tal-Persunal meqjus li jikkonferma laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019 ta' madwar siegħa bejn ir-rikorrenti u dan id-direttorat. Matul din il-laqgħa, informa lir-rikorrenti dwar il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti saret taf bihom fis-26 ta' Marzu 2019. Madankollu, għandu jiġi osservat, qabel kollox, li din l-affermazzjoni tikkontradicċi d-deċiżjoni dwar l-ilment, kif jirriżulta mill-punt 20 iktar 'il fuq.

33 Barra minn hekk, l-imsemmija affermazzjoni bl-ebda mod ma hija ssostanzjata bi provi. B'mod partikolari, l-estratt mill-kalendaru elettroniku msemmi fil-punt 32 iktar 'il fuq ma fi ħebda dettalji dwar is-suġġett tal-laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019 u l-KESE la kkomunika minut i-ta' din il-laqgħa u lanqas dikjarazzjoni mid-Direttorat tal-Persunal li tagħti indikazzjonijiet dwar is-suġġetti diskussi matul din il-laqgħa.

- 34 Fit-tielet lok, il-KESE jinvoka l-posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019, li huwa pproduċa matul is-seduta, li permezz tagħha l-President tal-grupp I ppropona l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' żewġ membri tal-persunal assenjati fis-segretarjat tal-imsemmi grupp. Skont il-KESE, minn dan jirriżulta li r-rikorrenti neċċesarjament saret taf bid-deċiżjoni kkontestata matul il-laqgħa tas-26 ta' Marzu 2019.
- 35 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprevedi, b'mod partikolari, li l-partijiet jistgħu jagħmlu offerti ta' prova anki qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura, bil-kundizzjoni li d-dewmien fil-preżentazzjoni tagħhom ikun iġġustifikat.
- 36 Issa, f'dan il-każ, il-KESE ma ġġustifikax id-dewmien fil-preżentazzjoni tal-offerta ta' prova msemmija fil-punt 34 iktar 'il fuq. Din il-konstatazzjoni hija iktar u iktar neċċesarja peress li, digħi fl-istadju tar-replika, ir-rikorrenti kkontestat l-affermazzjoni tal-KESE li tinsab fir-risposta f'dak li jirrigwarda l-kontenut tal-laqgħa tat-28 ta' Marzu 2019. Minn dan isegwi li l-produzzjoni tal-posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019 għandha tiġi kkunsidrata bħala tardiva, skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura, b'tali mod li dan id-dokument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbi.
- 37 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019 tikkostitwixxi sempliċi proposta ta' klassifikazzjoni mill-ġdid mill-President tal-grupp I, li, bħala att preparatorju, ma tikkostitwixx id-deċiżjoni li permezz tagħha s-Segretarju Ġenerali, bħala ASTK, irrifjuta l-klassifikazzjoni mill-ġdid tar-rikorrenti.
- 38 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li jikkostitwixxu atti jew deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament biss il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddlu, b'mod sinjifikattiv, is-sitwazzjoni legali tiegħu. Fil-każ ta' atti jew ta' deċiżjonijiet li l-elaborazzjoni tagħhom issir f'diversi fażijiet, b'mod partikolari matul proċedura interna, bħal dik dwar il-proċedura fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju, jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġi kkontestati biss dawk il-miżuri li jistabbilixxu b'mod definitiv il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem din il-proċedura. Min-naħa l-oħra, il-miżuri intermedji, li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċiżjoni finali, ma jikkawżawx preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u jistgħu jiġi kkontestati biss b'mod inċidentali waqt rikors kontra l-atti annullabbi (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2003, Staelen vs Il-Parlament, T-24/01, EU:T:2003:52, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' Settembru 2015, Anagnostu *et* vs Il-Kummissjoni, F-72/11, EU:F:2015:103, punt 38).
- 39 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, anki jekk jitqies li l-assenza li r-rikorrenti tissemma fil-posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019 tista' tiġi analizzata bħala deċiżjoni tal-President tal-grupp I li ma jipproponix il-klassifikazzjoni mill-ġdid tagħha lis-Segretarju Ġenerali, dan l-att jikkostitwixxu biss wieħed mill-istadji suċċessivi tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid li tintemm bid-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni mill-ġdid, jekk ikun il-każ, ta' membri tal-persunal temporanju oħra – deċiżjoni li għandha, barra minn hekk, tkun ippubblikata fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 25 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-ġagenta l-oħra skont l-Artikolu 11 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg. Huwa biss fil-mument tal-istabbiliment tal-lista tal-membri tal-persunal temporanju kklassifikati mill-ġdid debitament ippubblikata li s-sitwazzjoni legali tal-membri tal-persunal temporanju li huma eliġibbli għal klassifikazzjoni mill-ġdid tista' tiġi affettwata. Minn dan isegwi li l-proposti tal-President tal-grupp I jikkostitwixxu atti preparatorji għad-deċiżjoni tal-ASTK li tistabbilixxi l-lista tal-membri tal-persunal temporanju kklassifikati mill-ġdid (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2003, Tsarnavas vs Il-Kummissjoni, T-188/01 sa T-190/01, EU:T:2003:77, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' Settembru 2015, Anagnostu *et* vs Il-Kummissjoni, F-72/11, EU:F:2015:103, punt 39).
- 40 Madankollu, sa fejn huwa paċifiku li d-deċiżjonijiet dwar il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju meħuda mis-Segretarju Ġenerali ma ġewx ippubblikati konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal u sa fejn il-KESE ddikjara matul is-seduta li d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali bħala ASTK dwar il-proposti ta'

klassifikazzjoni mill-ġdid li jinsabu fil-posta elettronika tal-15 ta' Marzu 2019 ma kinitx magħrufa lilu, ir-riorrenti kienet wisq inqas f'pożizzjoni li tkun taf fliema mument ittieħdet id-deċiżjoni kkontestata. Il-KESE għalhekk ma jistax validament isostni li r-riorrenti saret taf b'mod utli bl-imsemmija deċiżjoni l-iktar tard fis-26 ta' Marzu 2019, b'tali mod li l-ilment ma kienx tardiv.

- 41 Konsegwentement, l-eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-KESE għandha tiġi miċħuda u dan ir-riktors għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

### *Fuq it-talbiet għal annullament*

- 42 Insostenn tar-riktors tagħha, ir-riorrenti tinvoka erba' motivi. Fid-dawl tal-kontenut tar-riktors, madankollu hemm lok li jiġu elenkti ħamsa. L-ewwel motiv huwa bbażat, essenzjalment, fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. L-erba' motivi l-oħra huma bbażati, rispettivament, it-tieni, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, it-tielet, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ir-raba', fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u, il-ħames, fuq ksur tad-dmir ta' premura.
- 43 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis opportun li teżamina, qabelxejn u fl-istess ħin, it-tieni u t-tielet motiv, ibbażati, rispettivament, fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali.
- 44 Essenzjalment, ir-riorrenti tikkritika lill-KESE li kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li abbażi tiegħu huwa kien obbligat jistabbilixxi kriterji oġġettivi u trasparenti li jippermettu lill-membri tal-persunal temporanju jkunu jafu l-modalitajiet tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tagħhom, u ssostni li l-assenza ta' proċedura ċara, preċiża, prevedibbli u trasparenti f'dan il-qasam tippreġudika l-prinċipju ta' ċertezza legali.

### *Fuq l-ammissibbiltà tat-tieni u t-tielet motiv*

- 45 Il-KESE jqajjem eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà f'dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet motiv, minħabba li r-riorrenti ma tispiegax kif l-assenza ta' regoli bil-miktub fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju tikkawżalha preġudizzju personalment, b'tali mod li l-argumenti mressqa fil-kuntest ta' dawn il-motivi jiġu invokati biss fl-interess tal-liġi u, konsegwentement, għandhom jiġu kkunsidrati bħala inammissibbli.
- 46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm, skont ġurisprudenza stabbilita, uffiċjal ma huwiex awtorizzat jaġixxi fl-interess tal-liġi jew tal-istituzzjonijiet u jista' jsostni biss, insostenn ta' rikors għal annullament, l-ilment li huma personali għalihi, madankollu huwa bizzżejjed li l-illegalità allegata kellha konsegwenzi fuq is-sitwazzjoni legali tiegħu sabiex l-ilment li r-riorrenti jislet minn dan jitqies li huwa lment personali (sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, Merhzaoui vs Il-Kunsill, F-18/09, EU:F:2011:180, punt 63). Issa, ir-riorrenti tallega preċiżament, f'dan il-każ, li s-sitwazzjoni ġuridika personali tagħha ġiet affettwata mill-assenza ta' kriterji ċari u preċiżi fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju matul il-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2019, bi ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali. Minn dan isegwi li t-tieni u t-tielet motiv huma ammissibbli.

### *Fuq il-fondatezza tat-tieni u tat-tielet motiv*

- 47 Il-prinċipju ta' ċertezza legali huwa intiż li jiggarrantixxi l-prevedibbiltà tas-sitwazzjoni jiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, PT vs BEI, T-573/16, EU:T:2019:481, punt 233) u jirrikjedi li kull att tal-amministrazzjoni li jipproduċi effetti ġuridiċi jrid ikun ċar u preċiż sabiex jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu b'mod ċar

id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jirregolaw ruħhom konsegwentement (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016, DF vs Il-Kummissjoni, T-782/14 P, EU:T:2016:29, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan ir-rekwiżit huwa impost, b'mod partikolari, meta l-att inkwistjoni jista' jkollu konsegwenzi mhux favorevoli għall-persuni kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, Deza vs ECHA, T-115/15, EU:T:2017:329, punt 135).

- 48 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-KESE, permezz tad-Deċiżjoni Nru 114/16 A li tadotta r-regoli fil-qasam tal-promozzjoni, stabbilixxa regoli bil-miktub u kkodifikati fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal bil-kuntratt u tal-uffiċċali.
- 49 Min-naħħa l-oħra, huwa paċifiku li l-KESE ma adotta ebda deċiżjoni ta' din in-natura fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju. B'hekk ma hemm l-ebda test vinkolanti u lanqas ebda dokument ieħor li jispeċifika l-elementi ta' analiżi li fir-rigward tagħhom dawn il-membri tal-personal jistgħu jibbenefikaw minn klassifikazzjoni mill-ġdid jew ir-rabta li tista' teżisti bejn is-sistema ta' evalwazzjoni tal-membri tal-personal temporanju stabbilita mill-KESE u l-possibbiltajiet ta' klassifikazzjoni mill-ġdid jew ukoll il-garanziji li jirrigwardaw l-eżami tas-sitwazzjonijiet individwali qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet f'dan il-qasam.
- 50 Madankollu, il-KESE jibbaża ruħu fuq l-eżistenza ta' prattika stabbilita sew fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju, li hija magħrufa minn dawn tal-aħħar u li tissodisa r-rekwiżiti tal-Kondizzjonijiet tal-impieg u tal-ġurisprudenza. Ir-rikorrenti tikkontesta l-eżistenza ta' tali prattika u, fi kwalunkwe każ, tqis li hija la tosserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u lanqas il-prinċipju ta' ċertezza legali.
- 51 L-Artikolu 80(3) tar-regoli interni tal-KESE jispeċifika li s-setgħat tal-ASTK fir-rigward tal-applikazzjoni b'mod partikolari tal-Artikolu 10(3) tal-Kondizzjonijiet tal-impieg li jirregolaw il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju huma eżerċitati mis-Segretarju Ġenerali, abbażi tal-proposti sottomessi mill-presidenti tat-tliet gruppi tal-KESE. Dawn il-proposti huma fihom infuħom il-frott tal-proposti magħmula mill-kapijiet ta' diviżjoni għall-membri tal-personal temporanju li huma marbuta mad-diviżjoni tagħhom u jiddependu, barra minn hekk, mid-disponibbiltà tal-baġiż.
- 52 Mill-preċiżazzjonijiet mogħtija mill-KESE waqt is-seduta jirriżulta li l-prattika li huwa jinvoka tikkonċerna b'mod partikolari l-iżvolġiment proċedurali tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid, filwaqt li, minn perspettiva sostanzjali, il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju ssir abbażi tal-paragun tal-merti u fl-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Madankollu, il-KESE enfasizza li l-ispeċifiċità tiegħu, b'mod partikolari n-natura "eminently political" tal-kompożizzjoni tiegħu, tipprekludi li huwa jista' jkollu sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju bbażata fuq l-evalwazzjoni tal-merti, paragunabbli ma' dik applikabbli għall-uffiċċali skont l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal. Huwa żied f'dan ir-rigward li l-kriterji rilevanti għall-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju huma "fundamentally different" minn dawk li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-promozzjoni tal-uffiċċali.
- 53 Fis-sottomissionijiet bil-miktub tiegħu, il-KESE jsostni wkoll li, għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju fi ħdan it-tliet gruppi li jikkomponuh, huwa jieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, id-disponibbiltà ta' pożizzjonijiet baġitarji kif ukoll ir-rati ta' promozzjoni stabbiliti fl-Anness I.B tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-anzjanità tal-membri tal-personal fil-grad tagħhom (peress li t-tul medju huwa ta' erba' snin ta' anzjanità fi grad).
- 54 Skont il-ġurisprudenza, l-istituzzjonijiet igawdu minn libertà ta' għażla fil-qasam tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tal-personal, u b'mod partikolari, konsegwentement, ma għandhomx l-obbligu li jadottaw sistema partikolari ta' evalwazzjoni u ta' klassifikazzjoni mill-ġdid pjuttost milli oħra (ara, f'dan is-sens,

is-sentenza tal-14 ta' Frar 2007, Simões Dos Santos vs UASI, T-435/04, EU:T:2007:50, punt 132 u l-ġurisprudenza ċċitata), sakemm josservaw il-prinċipji ġeneralni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

- 55 Barra minn hekk, il-Kondizzjonijiet tal-impieg ma jipprevedux dispożizzjoni speċifika dwar il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju, bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbi għall-uffiċjali. F'dan ir-rigward, il-KESE jsostni, ġustament, li r-regoli applikabbi għall-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' membri tal-persunal temporanju ma jistgħux ikunu identiċi għal dawk applikabbi għall-uffiċjali. Fil-fatt, il-membri tal-persunal temporanju ma għandhomx l-istess eliġibbiltà bħall-uffiċjali li jagħmlu karriera fi ħdan l-istituzzjoni tagħħom (dwar l-eliġibbiltà li jagħmlu karriera tal-uffiċjali, ara s-sentenza tal-2007, Silva vs Il-Kummissjoni, F-21/06, EU:F:2007:116, punti 70, 71 u 76). Bl-istess mod, l-evalwazzjoni tal-merti professionali tal-membri tal-persunal temporanju rreklutati, bħar-rikorrenti, abbażi tal-Artikolu 2(c) tal-Kondizzjonijiet tal-impieg tista' tkun ibbażata fuq elementi ta' analiżi li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċità tar-rabta ta' impieg li torbothom mal-istituzzjoni, b'mod partikolari l-eżistenza ta' rabta ta' fiduċja ta' natura partikolari, u, jekk ikun il-każ, il-kuntest politiku li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet tagħħom.
- 56 Xorta jibqa' l-fatt li kull proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għandha tiżvolġi fl-osservanza tal-prinċipji ġeneralni tad-dritt bħall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit ukoll fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li huma imposti fuq il-korpi, l-organi u l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, kif ukoll dak ta' ċertezza legali (ara s-sentenzi tat-13 ta' Lulju 2018, K. Chrysostomides pitti Co. et vs Il-Kunsill et, T-680/13, EU:T:2018:486, punt 440, u tat-3 ta' Lulju 2019, PT vs BEI, T-573/16, EU:T:2019:481, punt 233 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-KESE, barra minn hekk, ma kkontestax dan.
- 57 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-ugwaljanza fit-trattament hija prinċipju ġenerali u fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragħunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugħali, sakemm differenzazzjoni ma tkunx oġġettivament iġġustifikata. Ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta żewġ kategoriji ta' persuni, li s-sitwazzjonijiet fattwali u legali tagħhom ma jkollhomx differenzi essenzjali, jingħataw trattament differenti jew meta sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod identiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs Bertolete et, T-359/07 P sa T-361/07 P, EU:T:2009:40, punti 37 u 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 58 L-osservanza tal-imsemmi prinċipju tirrikjedi li l-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenċija tal-Unjoni tadotta sett ta' elementi ta' analiżi, bħar-rapporti tal-persunal, li fuqhom tibbażza l-evalwazzjoni tagħħom tal-merti, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' arbitrarjetà u tiżgura ugwaljanza fit-trattament bejn il-kandidati eliġibbli għall-promozzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2015, Bonazzi vs Il-Kummissjoni, F-88/15, EU:F:2015:150, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 59 Insegwitu, għalkemm, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 54 iktar 'il fuq, l-istituzzjonijiet igawdu setgħa ta' evalwazzjoni, hija madankollu l-qorti tal-Unjoni li għandha tistħarreġ jekk l-istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni inkwistjoni, f'dan il-każ il-KESE, osservax il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali fl-organizzazzjoni tal-eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju u, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-eżami komparativ li jsir f'dan l-eżerċizzju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, K. Chrysostomides & Co. et vs Il-Kunsill et, T-680/13, EU:T:2018:486, punt 440, u tat-3 ta' Lulju 2019, PT vs BEI, T-573/16, EU:T:2019:481, punt 233 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 60 Issa, kif jirriżulta mill-punt 49 iktar 'il fuq, fir-rigward tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju, il-KESE ma stabbilixxiex elementi ta' analiżi li jippermettu li jsir paragħu tal-merti li josserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. L-uniċi kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 53 iktar 'il fuq ma jistgħux ikunu suffiċjenti sabiex jiġi sseparati l-membri tal-persunal temporanju għal klassifikazzjoni mill-ġdid. Il-prassi segwita f'dan il-qasam mill-KESE għalda qstant ma

tiggarantixx li l-proposti ta' klassifikazzjoni mill-ġdid jiġu stabbiliti fuq bażijiet komuni mill-kapijiet kollha ta' diviżjoni u mill-presidenti ta' grupp u li d-deċiżjonijiet tas-Segretarju Ġenerali bħala ASTK ikunu josservaw il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

- 61 Din l-assenza ta' elementi ta' analiżi hija iktar u iktar kontestabbi peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 40 iktar 'il fuq, id-deċiżjonijiet fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid ma humiex ippubblikati fi ħdan il-KESE skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, u dan jikser ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali.
- 62 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-obbligu tat-trasparenza huwa l-korollarju tal-prinċipju ta' ugwaljanza, peress li għandu l-għan li jiggħarantixxi grad adegwaw ta' pubbliċità li jippermetti l-istħarriġ tal-imparzjalitā u tal-assenza ta' arbitrarjetà min-naħħa tal-amministrazzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' April 2011, IPK International vs Il-Kummissjoni, T-297/05, EU:T:2011:185, punt 124).
- 63 Minn dan isegwi li l-assenza ta' pubblikazzjoni mill-KESE tad-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni mill-ġdid mhux biss tmur kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda wkoll tali li tippreggudika d-drittijiet tal-membri tal-persunal temporanju assenjati mas-segretarjat tal-gruppi differenti tal-KESE, sa fejn din tipprekludi l-istħarriġ tal-imparzjalitā min-naħħa tal-amministrazzjoni matul proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid.
- 64 Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li, kuntrarjament għall-kolleġi tagħha wkoll assenjati mas-segretarjat tat-tliet gruppi tal-KESE, il-karriera tagħha kienet is-suġġett ta' progress bil-mod ħafna. Fil-fatt, fi 19-il sena, il-klassifikazzjoni tagħha ġiet modifikata biss darbejn, b'effett, rispettivament, mill-1 ta' Jannar 2007 u mill-1 ta' Jannar 2016.
- 65 Insostenn tal-argument tagħha, hija tipprodu ċi tabella komparattiva, li hija stabbilixxiet, intiża sabiex turi li l-kolleġi tagħha membri tal-persunal temporanju impiegati fi ħdan it-tliet gruppi tal-KESE kellhom żvilupp tal-karriera iktar mgħaqġġel minn dak tagħha.
- 66 Issa, l-applikazzjoni tal-kriterju ta' erba' snin ta' anzjanità fir-rigward tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju, l-istess bħall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li l-KESE pprova jibbaża fuqu (ara l-punt 53 iktar 'il fuq), ma tirriżultax mit-tabella komparattiva mfassla mir-rikorrenti. Fil-fatt, din it-tabella turi l-eżiżenza ta' differenzi sinjifikattivi fir-rigward tar-ritmu ta' klassifikazzjoni mill-ġdid bejn id-diversi membri tal-persunal temporanju assenjati mas-segretarjati tat-tliet gruppi tal-KESE. Bħala eżempju, fir-rigward tal-grupp I, li miegħu hija assenjata r-rikorrenti, minn din it-tabella jirriżulta li membru tal-persunal temporanju avanza bi tliet gradi (minn AST 2 sa AST 5) fi żmien sentejn, filwaqt li membru tal-persunal ieħor kiseb promozzjoni paragħunabbi (minn AST 3 sa AD 6) fi kważi sitt snin. L-istess jgħodd fir-rigward tal-membri tal-persunal temporanju assenjati lis-segretarjat tal-grupp tal-ħaddiema, li għalihom id-differenzi fl-avvanzament tal-karriera huma ikbar. Bħala indikazzjoni, f'dan l-aħħar grupp, jidher li membru tal-persunal temporanju avanza żewġ gradi (minn AST 4 sa AST 6) f'sitt snin, filwaqt li membru tal-persunal ieħor avanza tliet gradi (minn AST 4 sa AST 7) fi dsatax-il sena.
- 67 Il-KESE ma jressaq ebda argument tali li jikkonfuta l-kontenut ta' din it-tabella jew l-argumenti tar-rikorrenti dwar id-differenzi fir-rigward tar-ritmu ta' progress fil-karriera bejn il-membri tal-persunal temporanju assenjati għas-segretarjat tal-gruppi tal-KESE, b'mod partikolari fis-segretarjat tal-grupp I. B'mod partikolari, il-KESE ma jipprovd ebda indikazzjoni li tippermetti li jiġi konkluż li l-implimentazzjoni tal-kriterji li fid-dawl tagħhom dan jippretendi li jwettaq klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju, jiġifieri, b'mod partikolari, id-disponibbiltà tal-pożżizzjonijiet u r-regola ta' anzjanità fil-grad, issir b'osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

- 68 Fil-preżenza ta' serje ta' indizji suffiċjentement konkordanti li jissostanzjaw l-argument tar-rikorrenti, hija l-istituzzjoni konvenuta li għandha tipproduċi l-prova tal-eżixx ta' prattika skont l-imsemmi prinċipju, permezz ta' provi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju (ara, għal dan il-għan u b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, RA vs Il-Qorti tal-Audituri, T-874/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:757, punt 56).
- 69 Issa, għandu jiġi rrilevat li l-KESE jiddeskrivi l-mod kif ġie organizzat l-eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2019 billi jippreċiża biss b'mod evażiv liema kien il-metodu segwit mill-ASTK sabiex jitwettaq il-paragun tal-merti tal-membri tal-persunal temporanju kandidati għall-klassifikazzjoni mill-ġdid. Fil-fatt, l-ispiegazzjonijiet mogħtija mill-KESE la jippermettu li jiġi ddeterminat b'liema mod, u lanqas fuq liema bażi l-ASTK, jew il-President tal-grupp I, effettivament wettqet dan il-paragun tal-merti skont elementi ta' analiżi li jirriflettu l-istruttura, il-bżonnijiet u l-organizzazzjoni speċifika tal-KESE (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, RA vs Il-Qorti tal-Audituri, T-874/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:757, punt 57).
- 70 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex ikkonfutati mill-argumenti l-oħra mqajma mill-KESE.
- 71 Fl-ewwel lok, il-KESE jsostni li ma huwiex possibbli għalih li jimplimenta sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju bħas-sistema ta' promozzjoni tal-uffiċjali, ibbażata biss fuq sistema ta' paragun tal-merti, peress li l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju fi ħdan il-KESE titwettaq skont kunsiderazzjonijiet distinti. F'dan ir-rigward, huwa jressaq diversi restrizzjonijiet ta' natura organika.
- 72 L-ewwel, skont il-KESE, il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' membru tal-persunal temporanju tippresupponi bidla sostanzjali fil-kompli eżerċitati minnu. It-tieni, huwa josserva li l-membri tal-persunal temporanju assenjati fi ħdan il-KESE jaqgħu taħt linja baġitarja differenti minn dik tal-uffiċjali, peress li dawn jitqiegħdu f'pożizzjonijiet mhux permanenti. Bħala tali, kull klassifikazzjoni hija suġġetta għad-disponibbilta ta' baġit allokat kull sena. It-tielet, u konsegwentement, peress li n-numru ta' pożizzjonijiet previsti għall-membri tal-persunal temporanju huwa stabbilit b'mod limitat minħabba restrizzjonijiet baġitarji, il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' membru tal-persunal temporanju tista' titwettaq biss jekk pożizzjoni vakanti li tikkorrispondi għall-grad il-ġdid issir disponibbli. F'dan ir-rigward, il-KESE josserva, b'mod partikolari, li sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid ibbażata fuq il-paragun tal-merti, bħal dik dwar il-promozzjoni tal-uffiċjali, ma tippermettix li jiġi żgurat tqassim omoġenju tal-funzjonijiet li jikkorrispondu għall-gradi AST 1 sa AST 9 fi ħdan il-KESE, b'mod partikolari fl-entitajiet li jiffunzjonaw b'numru żgħir ħafna ta' impiegati, bħas-segretarjati tal-gruppi li jikkomponuh.
- 73 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-restrizzjonijiet invokati mill-KESE ma humiex, bħala tali, la partikolari għall-istruttura u għall-organizzazzjoni tas-segretarjat tal-imsemmija gruppi u lanqas ma huma insormontabbi, u ma jistgħux jitqiesu li huma ta' natura li jipprekludu l-introduzzjoni ta' elementi ta' analiżi komparattivi ċari, oġġettivi u trasparenti fil-kuntest tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju li tippermetti li tiġi żgurata l-observanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 74 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet baġitarji invokati mill-KESE, għandu jiġi enfasizzat li dawn ma jistgħux jiġi jiddejha infuhom l-assenza ta' proċedura jew ta' regoli interni ċari, preċiżi u mhux diskriminatory fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, RN vs Il-Kummissjoni, F-104/15, EU:F:2016:163, punt 72).

- 75 Fit-tieni lok, matul is-seduta, il-KESE sostna li, sa fejn jikkostitwixxi korp ta' natura "eminentelement politika", il-merti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju tiegħu huma differenti minn dawk li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-promozzjoni tal-uffiċjali rregolata mill-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal.
- 76 Ċertament, kif jirriżulta mill-punti 54 u 59 iktar 'il fuq, l-istituzzjonijiet huma liberi li jiddefinixxu l-elementi ta' analiżi skont il-bżonnijiet tagħhom ta' servizz u l-karatteristiċi speċifiċi organizzattivi rispettivi tagħhom u ma humiex obbligati jittrasponu r-regoli applikabbi għall-promozzjoni tal-uffiċjali għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju.
- 77 F'dan ir-rigward, il-KESE jirrileva li, anki jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Kondizzjonijiet tal-impiieg irendi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbi għall-membri tal-persunal temporanju assenjati ma' gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew, u mhux għall-membri tal-persunal temporanju assenjati mal-gruppi tal-KESE, il-kriterji tal-imsemmi Artikolu 45, intiżi għat-tqabbil tal-merti u għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-anzjanità fil-grad, jikkostitwixxu prinċipji inerenti għad-direttivi interni kollha applikabbi għall-persunal tal-KESE.
- 78 Madankollu, l-ewwel, din l-affermazzjoni ta' natura ġenerali la tippermetti li jinfiehem kif il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal huma applikati għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju tal-KESE, u lanqas li jiġi vverifikat jekk dawn ġewx effettivament applikati f'dan il-każ.
- 79 It-tieni, u fi kwalunkwe każ, din l-affermazzjoni tidher li tikkontradixxi l-argument imressaq mill-KESE waqt is-seduta li n-natura "eminentelement politika" tiegħu jipprekludi li jkun jiġi jintroduċi sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju bbażata fuq il-paragun tal-merti, bħas-sistema ta' promozzjoni prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, sa fejn din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Kondizzjonijiet tal-impiieg, tipprevedi sistema ta' promozzjoni bbażata fuq il-merti b'mod partikolari għall-membri tal-persunal temporanju assenjati fi gruppi politiċi tal-Parlament, li jikkostitwixxu gruppi politiċi fil-veru sens tal-kelma, il-KESE ma huwiex fondat li jsostni li n-natura politika tal-gruppi li jikkomponuh tipprekludih milli jkollu sistema għat-tqabbil tal-merti tal-membri tal-persunal temporanju assenjati lill-imsemmija gruppi.
- 80 Huma l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-libertà organizzattiva tagħhom imsemmija fil-punti 54 u 59 iktar 'il fuq, li għandhom jiddefinixxu minn qabel l-elementi ta' analiżi komparattivi, sabiex josservaw il-prinċipji ta' ugwalanza fit-trattament u ta' ċertezza legali filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom ta' servizz. Minn dan isegwi li l-KESE ma huwiex fondat li jinvoka l-impossibbiltà, li hija partikolari għalih, li jadotta elementi ta' analiżi tal-merti trasparenti, prevedibbli u mhux diskriminatorji, sabiex jippermetti lill-persunal tiegħu jevalwa l-legalità tad-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni mill-ġdid u lill-Qorti Ġenerali li tistħarreġ din il-legalità fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwalanza fit-trattament.
- 81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jintlaqgħu t-tieni u t-tielet motiv u, konsegwentement, li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata peress li tikser il-prinċipji ta' ugwalanza fit-trattament u ta' ċertezza legali, mingħajr ma jkun neċċessarju li jiġi eżaminati l-motivi l-oħra ppreżentati mir-rikorrenti fil-kuntest tat-talbiet tagħha għal annullament.

### ***Fuq it-talbiet għad-danni***

- 82 Ir-rikorrenti tqis li sofriet dannu morali minħabba s-sitwazzjoni ta' inċertezza li tinsab fiha fir-rigward tal-iżvilupp tal-karriera tagħha, li hija konsegwenza tal-assenza tal-KESE li jadotta kriterji ċari, trasparenti u nondiskriminatorji fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal

temporanju. Hija tikkunsidra li dejjem ser ikun hemm dubju dwar l-evalwazzjoni tal-merti li hija setgħet turi li kieku kienu ġew stabbiliti kriterji ċari u preċiżi minn qabel. Konsegwentement, hija titlob li l-KESE jiġi kkundannat iħallasha kumpens evalwat *ex aequo et bono* fl-ammont ta' EUR 2 000.

- 83 Il-KESE jqis li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest tat-talba għad-danni huma infondati. L-ewwel, il-KESE ma wettaqx illegalità tali li tikkawża danno lir-rikorrenti. It-tieni, peress li d-deċiżjoni kkuntestata ttieħdet f'kuntest magħruf mir-rikorrenti, din ma tistax tinvoka l-eżistenza ta' inċertezza fir-rigward tal-iż-żvilupp tal-karriera tagħha sabiex tibbaża t-talba tagħha għad-danni.
- 84 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li l-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni Ewropea huwa suġġett li jiġu ssodisfatti sett ta' kundizzjonijiet, jiegħiġi l-illegalità tal-agħir ikkritikat lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-organu, ir-realtà tad-dannu allegat u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-agħir ikkritikat u d-dannu allegat, fejn dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, DQ *et* vs Il-Parlament, T-730/18, EU:T:2019:725, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 85 F'dan il-każ, it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi msemmija fil-punt 84 iktar 'il fuq, jiegħiġi l-illegalità mwettqa mill-KESE, id-dannu mġarrab mir-rikorrenti u r-rabta kawżali bejn dawn iż-żewġ elementi, huma ssodisfatti.
- 86 Skont il-ġurisprudenza, l-annullament ta' att ivvizzjat b'illegalità, bħad-deċiżjoni kkuntestata, fih innifsu jikkostitwixxi l-kumpens adegwat u, bħala prinċipju, suffiċċenti għal kull danno morali li dan l-att seta' kkawża, ħlief meta r-rikorrenti turi li sofriet danno morali separabbi mill-illegalità li wasslet għall-annullament u li ma jistax jiġi kkumpensat b'mod sħiħ b'dan l-annullament (ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2015, Brune vs Il-Kummissjoni, F-59/14, EU:F:2015:50, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-16 ta' Lulju 2015, Murariu vs AEAPP, F-116/14, EU:F:2015:89, punt 150 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 87 F'dan il-każ, madankollu, l-annullament tad-deċiżjoni kkuntestata ma jistax bħala tali jikkumpensa totalment id-dannu morali mġarrab mir-rikorrenti.
- 88 Ċertament, skont l-Artikolu 266 TFUE, il-KESE huwa obbligat jeżegwixxi din is-sentenza billi jibbaża l-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-personal temporanju fuq il-bażi ta' elementi ta' analiżi ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji. Madankollu, l-illegalità marbuta mal-assenza tal-imsemmija elementi qabel il-preżentata ta' dan ir-rikors ma tistax tiġi faċilment ikkoreġuta b'mod retroattiv. Fil-fatt, huwa impossibbli li jiġu previsti l-karatteristiċi tal-elementi ta' analiżi li l-KESE jista' jadotta u diffiċċi li jiġi ddeterminat kif is-servizzi tar-rikorrenti jistgħu jiġi evalwati skont dawn tal-aħħar. B'hekk, ikun xi jkun il-kontenut tal-mezzi adottati mill-KESE, jibqa' dubju dwar il-perspettiva ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tar-rikorrenti b'mod retroattiv kif ukoll, jekk ikun il-każ, fir-rigward tal-prestazzjonijiet li r-rikorrenti setgħet turi li kieku l-elementi ta' analiżi fil-qasam tal-klassifikazzjoni mill-ġdid kienu ġew stabbiliti fil-bidu. Dan id-dubju jikkostitwixxi danno li jirriżulta direttament mill-illegalità mwettqa mill-KESE u l-inċertezza li nħasset mir-rikorrenti fir-rigward tal-iż-żvilupp tal-karriera tagħha ma tistax tiġi rrimedjata mill-miżuri ta' eżekuzzjoni tas-sentenza li ser jiġu adottati mill-KESE (ara, f'dan is-sens u b'analoga, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, AQ vs Il-Kummissjoni, F-66/10, EU:F:2011:56, punt 110).
- 89 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali, meta tevalwa *ex aequo et bono* d-dannu mġarrab mir-rikorrenti, tikkunsidra, skont it-talbiet tagħha, li s-somma ta' EUR 2 000 tikkostitwixxi kumpens xieraq għad-dannu morali subit minħabba l-illegalità mwettqa mill-KESE.

## Fuq l-ispejjeż

- 90 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-deċiżjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li tirrifjuta l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' Paula Correia għall-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2019 hija annullata.**
- 2) **Il-KESE huwa kkundannat iħallas lil P. Correia somma ta' EUR 2 000 għad-dannu morali li ġarbet.**
- 3) **Il-KESE huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Gervasoni

Nihoul

Frendo

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgo, fit-28 ta' April 2021.

Firem